

Brussell, 27 ta' Marzu 2026
(OR. en)

7609/26

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0111 (COD)

CODEC 506
EF 83
ECOFIN 364
PE 46
ECB

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: **ADOZZJONI TA' ATTI LEĠIŻLATTIVI WARA T-TIENI QARI TAL-PARLAMENT EWROPEW**

Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 806/2014 fir-rigward tal-miżuri ta' intervent bikri, tal-kundizzjonijiet għar-riżoluzzjoni u tal-finanzjament ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni

- Eżitu tat-tieni qari tal-Parlament Ewropew
(Brussell, mill-25 sas-26 ta' Marzu 2026)

I. VOT

Fis-26 ta' Marzu 2026, il-President tal-Parlament Ewropew iddikjarat li l-pożizzjoni tal-Kunsill¹ fl-ewwel qari ġiet approvata mingħajr emendi.

It-test tar-riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew huwa anness ma' din in-nota.

¹ 15389/1/25 REV 1.

II. ADOZZJONI TA' ATTI LEĠIŻLATTIVI WARA T-TIENI QARI TAL-PARLAMENT EWROPEW

Billi l-Parlament Ewropew approva l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari mingħajr emendi, l-att ikkonċernat jitqies li ġie adottat fil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, kif previst fl-Artikolu 294(7)(a) TFUE.

Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ Istituzzjonijiet, l-att ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

P10_TA(2026)0092

Miżuri ta' intervent bikri, kundizzjonijiet għar-riżoluzzjoni u finanzjament ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni (SRMR3)

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Marzu 2026 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 806/2014 fir-rigward ta' miżuri ta' intervent bikri, kundizzjonijiet għar-riżoluzzjoni u l-finanzjament ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni (15389/1/25 – C10-0072/2026 – 2023/0111(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (15389/1/25 – C10-0072/2026),
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-5 ta' Lulju 2023²,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-13 ta' Lulju 2023³,
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari⁴ dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0226),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 75(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 68 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A10-0067/2026),
1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;
 2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat f'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni

² ĠU C 307, 31.8.2023, p. 19.

³ ĠU C 349, 29.9.2023, p. 161.

⁴ ĠU C, C/2025/3752, 17.9.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/3752/oj>.

Ewropea;

4. Jagħti iŋstruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
 5. Jagħti iŋstruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.
-